GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

# Aġġornament fit-tqassim tas-sillabi tal-Malti fis-Sekondarja

**Il-Metalingwa**

**Id-9 Sena (mis-sena skolastika 2026-2027):**

Se tiżdied din il-kisba:

1. Naf kif jitnisslu verbi tat-2, il-5, it-3 u s-6 forma u napprezza t-tifsiriet semantiċi differenti li jistgħu jwasslu (bħal tifsira kawżattiva, riflessiva, transittiva, passiva u l-bqija) bħal *kiser idu*, *kisser it-tazza*, *tkisser bix-xogħol*, *il-ħġieġa tkissret*, *id-dar tbierket* u *l-qassis bierek l-iskola.*

**(Din il-kisba mis-sillabu tal-10 sena se tiżdied mas-sillabu tad-9 sena)**

**Din se tikkumplimenta dawn il-kisbiet li diġà jinsabu f'din l-istess sena:**

- Naf li nista' nżid fin-nofs tal-għerq konsonanti barranija biex noħloq forma u tifsira ġdida tal-verb bħal *kiser - kisser*, *waqa' - waqqa'* u
- Naf nikteb sewwa, billi nuża l-mudell *bierek*, il-verbi kkonjugati tat-tielet u s-sitt forma li jkollhom l-għ/h fin-nofs bħal *wiegħed* u *fiehem*, anke meta jkollhom suffissi pronominali bħal wegħidt, tfehimt.

**L-10 sena (mis-sena skolastika 2027-2028):**

Se jiżdiedu dawn il-kisbiet:

1. Naf kif jitnisslu verbi tas-7/8, id-9 u l-10 forma u napprezza t-tifsiriet semantiċi differenti li jistgħu jwasslu (bħal tifsira kawżattiva, riflessiva, transittiva, passiva u l-bqija), bħal: *il-pulizija qabad lill-ħalliel li nqabad jisraq, Huma laqgħu lil sħabhom l-ajruport u u wara ltaqgħu mal-familja kollha d-dar, twieled sabiħ u maż-żmien kompla jisbieħ* u *Il-kap tal-iskola stieden lill-istudenti biex jipparteċipaw*.

2. Naf li xi kliem barrani li fil-lingwa oriġinali kellu l-istess zokk morfemiku, fil-Malti jista' jkollu zkuk differenti skont il-fonetika tagħhom bħal *magna/makkinarju, inkwadra/inkwatru/kwadrat.*

3. Naf li xi verbi li daħlu fil-Malti, speċjalment dawk ġejjin mill-Ingliż, jinbnew billi jirduppjaw lewwel konsonanti taz-zokk morfemiku u jżidu l-j quddiem is-suffiss tat-temp bħal *nipparkjaw, iffilmjajt, nipprintjaw*.

**(Dawn il-kisbiet mis-sillabu tal-11-il sena se jiżdiedu mas-sillabu tal-10 sena)**

**Dawn se jikkumplimentaw din il-kisba li diġà qiegħda fl-10 Sena**

Naf li xi verbi flok is-sistema tal-għerq jużaw iz-zokk morfemiku flimkien ma' għadd ta' prefissi u suffissi biex inisslu kliem u tifsiriet ġodda bħal: miz-zokk *eduk* inisslu *nedukaw*, *edukajna*, *edukat*, *edukatur*, *edukattiv*, *maledukat*, u l-bqija. ***

**Il-Letteratura (mis-sena skolastika 2025-2026)**

Is-silta mir-rumanz ***Magna Mater*** <u>ta' Loranne Vella</u> ħa tibda ssir **fl-10 sena**. Dan ifisser li lgħalliema tal-10 Sena jridu jagħmluha ma' dan is-sillabu **din is-sena stess, jiġifieri fis-sena skolastika 2025-2026**. Dan l-għaliex is-sena d-dieħla mhux ħa tkun qed issir fil-11-il sena.